MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 54/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Sammut)

Vs

Mario Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Jannar, 2003 u/jew fil-granet ta' qabel, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Pauline Mizzi fil-pussess ta' hwejjigha billi naqas li jaghtiha access milli tuza l-washroom tal-fond numru 60, Mirage, Triq is-Sidra, Swieqi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Marzu, 2003, li biha, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet li l-imputazzjoni tirrizulta w illiberat lill-imputat taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u tat lill-imputat l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t’April, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija billi takkolji l-appell u konsegwentement ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma :- 1. li mill-provi prodotti jirrizulta bl-aktar mod car li l-kwerelanti fil-fatt kellha access ampju w liberu ghall-washroom fil-gurnata in kwistjoni tad-9 ta’ Jannar, 2003 u multo magis fil-granet ta’ qabel u di fatti meta hija kienet irrapportat il-kaz lill-Pulizija ta’ San Giljan dak in-nhar stess hija qalet li l-appellant kien dak in-nhar avvzha b’din ix-xewqa tieghu u mhux li dak in-nhar kien fil-fatt zammha; 2. li fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju lanqas ma jirrizultaw l-elementi ta’ dan ir-reat ta’ ragion fattasi in vista tal-fatt li l-appellant ma ha ebda azzjoni li permezz taghha huwa qieghed jippretendi xi dritt favur tieghu kontra l-kwerelanti izda huwa se mai agixxa in buona fede in esekuzzjoni ta’ ftehim li sehh bejnu u bejn il-kwerelanti biex izomm il-paci u kwiet bejnithom.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet ix-xiehda mill-gdid waqt l-udjenza ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat li l-appellant , waqt it-trattazzjoni ma baqax jinsisti fuq l-ewwel aggravju tieghu dwar iz-zmien liema aggravju gie rtirat ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza fil-qosor kienu dawn. L-appellant u l-kwerelanti Pauline Mizzi ghamlu numru ta' snin jghixu flimkien u anki kellhom tifel minn din ir-relazzjoni. Ir-relazzjonijiet taghhom iddeterjoraw u ghalhekk, f'certu zmien, ftehmu li fil-waqt li l-kwerelanti tibqa' tghix fil-parti t'isfel tad-dar, numru 60, Mirage, Triq is-Sidra, Swieqi , l-appellant u bin il-partijiet jibqghu jghixu fuq. L-appellant xehed li d-dar hija tieghu imma moghtija cens lill-kwerelanti li ukoll xehdet li thallas ic-cens. Ghal certu zmien il-kwerelanti kellha access ghall-"washroom" li kien hemm fuq il-bejt minn fuq il-parti tad-dar okkupata mill-appellant . Meta l-kwerelanti gabet xi qraba jghixu maghha kif ukoll bdiet tospita studenti barranin , l-appellant intima lill-kwerelanti li m'ghandix ikollha aktar access ghall-washroom u fil-fatt hu qabad u ghalaq l-access u l-kwerelanti sabet it-tlitt bibien maghluqin b'muftieh. Sar rapport dwar dan fl-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fid-9 ta' Jannar, 2003 ma PS 621. L-appellant ma jikkontestax li hu ghalaq l-access li l-kwerelanti kellha ghal din il-washroom.

Illi l-appell odjern issa jimpernja ruhu biss fuq il-kwistjoni legali jekk b'dak li ghamel l-appellant kisirx il-ligi kriminali w senjatament marx kontra d-dispozittiv tal-artikolu 85 tal-Kap.9 .

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti , l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha w cioe' :-
(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-hadd iehor;
(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;
(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; w
(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi
(Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" (17.2.95) ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"

(6.6.95 ); “Il-Pulizija vs. Mark John Schembri (18.9.2002) u ohrajn )

Illi kienet x’kienet il-motivazzjoni tal-appellant meta ghalaq l-access li kellha l-kwerelanti ghall-washroom, anki jekk kienet motivata minn ragunijiet ta’ sikurta’ kif isostni, jibqa’ l-fatt li hu ddisturba l-istato quo li kien raggunt bi ftehim bejnu w bejn il-kwerelanti dwar dan l-access u li dana ghamlu b’mod unilaterali u “di proprio braccio” meta fil-fatt , ladarba kien intlahaq ftehim bejn l-appellant u l-kwerelanti dwar dan l-access, dan ma setax jigi varjat unilateralment , imma se mai , l-appellant imissu rrikorra quddiem il-Qorti civili kompetenti biex tirregola l-materia. Illi indubbjament il-kwerelanti sa’ meta l-appellant iddecieda xort’ ohra , kellha t-tgawdija tal-access u li hi giet spoljata minn din it-tgawdija . Il-fatt li l-appellant isostni li kellu dritt li jaghmel dan ma jiskolpahx imma hu proprju wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat in dizamina kif fuq intqal. Il-fatt li z-zewg partijiet kienu jghixu fl-istess dar, sia pure f’partijiet differenti bi ftehim , lanqas kien jintitola lill-appellant li unilateralment jagixxi kif agixxa . Illi l-appellant qatt ma jista’ jsostni li kien qed jagixxi in buona fede meta kien qed imur kontra l-ftehim raggunt .

Illi ghalhekk , fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-agir tal-appellant minnu ammess fil-konfront tal-kwerelanti , jinkwadra ruhu perfettament fl-elementi kostituttivi tar-reat ta’ ragion fattasi .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, b’dana li iz-zmien ta’ sentejn li fih l-appellant hu marbut li ma jaghmilx reat iehor a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu jibda jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------